**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI Numru 1451**

**KAZ NRU 1550**

Fil Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Josianne Gafa

U

Miller`s Distributors.

Dwar tkeccija mill-impjieg

allegata li hi ngusta.

**Chairman: Is-Sur Colin Tabone**

24 Novembru 2003

Dan il-Kaz gie riferut mill- Onor Vici Prim-Ministru w Ministru ghall-Politika Socjali permezz t`ittra datata 11 ta` Lulju 2001. b`rif MSP/TI/46/2001.

l-appellanta Josianne Gafa kienet assistita mill-avukat Mario De Marco waqt li ghas-socjeta intimate deher Dr. Adrian Delia.

L-appellanta fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha sjegat ki fl-14 ta` Gunju 2001 xi siegha qabel it-tmiem tax-shift giet infurmata mill-manager taghha Charles Darmanin li l-impjieg taghha mal-Kumpanija bhala supervisor gie tterminat wara

decizjoni tal-Board tal-Kumpanija minhabba xi zbalji ta l-E-Talk cards u ghar-ragunijiet ohra. Semmiet li kienet ixxukjata ghax- qatt ma kellha warning u f`Settembru tas-sena ta` qabel kienet promosssa bhala Supervisor minn kaxxiera.

Fid-dikjarazzjoni taghha l-Kumpanija stqarret li l-appellata li kienet impjegata bhala sales assistant f`Ottubru 1998 fil-hanut taghha fl-airport kienet taghmel xoghol sew tant li f`novembru tas-sena 2000 inghatat aktar responsabbilita w titjib fil-kundizzjonijet tax-xoghol. Ghalkemm il-rwol il-gdid ma deherx li kellu x`effett negattiv fuq ix-xoghol taghha, dan il-rwol minflok wassal ghal-titjib wassal ghall-insubordinazzjoni, neglegenza w traskuraggni.

Giet migjuba l-attenzzjoni taghha ghan-nuqqasijiet fejn jirrigwardjaw implimentazzjoni ta` decizjonijiet tal-Bord,activity reporting u nuqqasijiet ohra.

It-tkeccija saret ghaliex il-post tax-xoghol fl-Airport huwa miftuh erbgha w ghoxrin siegha kuljum, il-gimgha kollha u ghaldaqstant l-operations iridu jigu mwettqa b`mod ko-ordinat.
Nurmru ta` dokumenti gew ezebiti w instemghu numru ta` xhieda.
It-Tribunal Industrijali ghandu quddiemu Kaz ta`tkeccija u jrid li janalizza jekk id-decizjoni tal-Kumpanija li jittermina l-impjieg ta`l-appellant b`mod immedjat kienx sar b`mod mghaggel jew le. Ttiehdux jew le dawk il-mizuri kollha necessarji. Irid ukoll jara jekk kienx hemm problemi ta` kommunikazzjoni, ta clashes ta` karattri. Jekk in-nuqqasijiet ta` l-appellanta kienux tant gravi li jimmertaw tkeccija.

Tul-is-seduti tal-Kaz gew trattati sitwazzjonijiet b`dettalji partikulari. Ma jirrizultx pero li kien hemm twissijiet specifici dwar dawn izda kien hemm osservazzjonijiet.

L-attitudni ta` l-appellanta wriet li kienet daqxejn arroganti, spirita, sharp u tal-punt. Pero wiehed jistaqsi jekk din l-attitudni kienetx mainfestata wkoll meta kienet impjegata bhala sales assistant.

Mis-smiegh tal-Kaz jidher car li ma kienx hemm feelings bejn l-appellanta u s-sur Charles Darmanin. Jista jkun li minhabba din is-sitwazzjoni li ma setghetx tkompli, ttihdet id-decizjoni ta`tkeccija.

Fil-konkluzzjoni t-Tribunal Industrijali joss li m`ittehdux il-mizuri kollha qabel it-tkeccija biex l-osservazzjonijiet li l-management ghamel lill-appellanta jigu klassifikati bhala twissija.

It-Tribunal jinnota wkoll li l-appellanta ghandha karattru dak li hu, pero m`hux konvint li dan l-aspett tal-karattru ghandu jkun punt determinanti ghax kieku l-appellanta ma tigix appuntata shift Supervisor.

Huwa minnu wkoll li l-appellanta kellha n-nuqqasijiet taghha wkoll u li kieku s-socjeta intimata writ b`mod l-aktar car li dak li kienet qed taghmel l-appellanta kien sar wassalha ghat-tkeccija. Dan sfortunatament ma sarx.

**Decizjoni**

Peress li t-tkeccija hija arma punittiva hafna wiehed ghandu l-obbligi li juzahha b`mod korrett, gust, u uman.

F`dan il-kaz ghallavolja kien hemm il-rekwiziti ghat-tkeccija gusta, it Tribunal Industrijali jhoss li proceduralment il-Kumpanija ma wzatx il-mizuri kollha.

Ghaldaqstant, it-tkeccija ma saritx skond il-ligi. Il-Kumpanija ghandha fi zmien hmistax il-gurnata tillikwida id-danni ta` Lm 500.

B`hekk jintemm dan il-kaz.

Ghall-iskop ta l-aAvviz legali Numbru 48 tal- 1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta minn assista lill-partijiet fl-ammont ta Lm40 kull wiehed.

Colin Tabone
Chairman

M. Rose Galea
ghas/segretarju